

32006R1918

L 365/84

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

21.12.2006

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1918/2006**ta' l-20 ta' Diċembru 2006****li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja għaż-żejt taż-żebbuġa li joriġina mit-Tuneżija**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 865/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar l-organizzazzjoni komuni taż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 827/68 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 1 għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tat-Tuneżija min-naħa l-oħra ⁽²⁾ kif emendat bl-Artikolu 3(1) tal-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tat-Tuneżija min-naħa l-oħra, biex tiġi kkunsidrata l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakkja mal-Unjoni Ewropea ⁽³⁾, approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/720/KE ⁽⁴⁾, jiftaħ kwota tariffarja ta' 56 700 tunnellata b'dazju żero għall-importazzjonijiet ta' żejt taż-żebbuġa bil-kodiċi NM 1509 10 10 u 1509 10 90, miksub fl-intier tiegħu fit-Tuneżija u ttrasportat direttament minn hemm lejn il-Komunità.
- (2) Ir-regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni ta' prodotti agrikoli amministrati skont sistema ta' liċenzji għall-importazzjoni ⁽⁵⁾, japplika għal-liċenzji għall-importazzjoni għall-perjodi ta' kwoti tariffarji tal-importazzjoni li jibdew mill-1 ta' Jannar 2007.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 1301/2006 jistabbilixxi b'mod partikolari dispożizzjonijiet iddettaljati dwar

l-applikazzjonijiet, l-istatus tal-applikanti u l-ħruġ tal-liċenzji. Dan ir-Regolament jillimita l-perjodu ta' validità tal-liċenzji sal-aħħar jum tal-perjodu tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni.

- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 tad-9 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi regoli ddettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji għall-importazzjoni u l-esportazzjoni u ta' ċertifikati għall-iffissar minn qabel għal dak li għandu x'jaqsum mal-prodotti agrikoli ⁽⁶⁾, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1345/2005 tas-16 ta' Awwissu 2005 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji għall-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa ⁽⁷⁾ u r-Regolament (KE) Nru 1301/2006 għandhom japplikaw bla ħsara għal kundizzjonijiet u derogi addizzjonali stabbliti f'dan ir-Regolament.
- (5) Il-forniment taż-żejt taż-żebbuġa lis-suq Komunitarju jippermitti, bħala prinċipju, kunsinna ta' kwantità skont il-kwota tariffarja mingħajr ma jinħoloq tfixkil fis-suq, sakemm l-importazzjoni ma tkunx ikkonċentrata f'perjodu qasir tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni. Għalhekk għandu jiġi pprovdut li l-liċenzji għall-importazzjoni jinħarġu bejn Jannar u Ottubru skont skeda ta' kull xahar.
- (6) Filwaqt li jitqies il-vantaġġ li toffri l-applikazzjoni ta' dazju żero, il-garanzija għal-liċenzji tal-importazzjoni maħruġa fil-qafas tal-kwoti tariffarji miftuħa taħt dan ir-Regolament għandha tiġi ffixta b'ammont oġġla minn dak stabblit mir-Regolament (KE) Nru 1345/2005.
- (7) Għall-fini ta' ċarezza, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 312/2001 tal-15 ta' Frar 2001 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni għall-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa li joriġina mit-Tuneżija u li jidderoga minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (KE) Nru 1476/95 u (KE) Nru 1291/2000 ⁽⁸⁾ għandu jitħassar.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaż-Żjut u x-Xaħmijiet,

⁽¹⁾ ĠU L 161, 30.4.2004, p. 97. Il-Verżjoni korretta ĠU L 206, 9.6.2004, p. 37.

⁽²⁾ ĠU L 97, 30.3.1998, p. 2. Il-Ftehim kif l-aħħar emendat bid-Deċiżjoni tal-kunsill 2006/612/KE (ĠU L 260, 21.9.2006, p. 1).

⁽³⁾ ĠU L 278, 21.10.2005, p. 3.

⁽⁴⁾ ĠU L 278, 21.10.2005, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

⁽⁶⁾ ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 410/2006 (ĠU L 71, 10.3.2006, p. 7).

⁽⁷⁾ ĠU L 212, 17.8.2005, p. 13.

⁽⁸⁾ ĠU L 46, 16.2.2001, p. 3. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1721/2005 (ĠU L 276, 21.10.2005, p. 3).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 3

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1291/2000, ir-Regolament (KE) Nru 1345/2005 u r-Regolament (KE) Nru 1301/2006 għandhom japplikaw bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

1. Infetħet kwota ta' tariffa bin-numru tal-ordni 09.4032 għall-importazzjoni lejn il-Komunità ta' żejt verġni taż-żebuga li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1509 10 10 u 1509 10 90, miksub fl-intier tiegħu fit-Tuneżija u ttrasportat direttament minn dan il-pajjiż lejn il-Komunità, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-volum tal-kwota tariffarja għandu jkun ta' 56 700 tunnellata. Ir-rata ta' dazju applikabbli għandha tkun 0 %.

2. Il-kwota għandha tinfetaħ mill-1 ta' Jannar ta' kull sena. Kull sena u bla ħsara għall-volum tal-kwota msemmija fil-paragrafu 1, il-ħruġ tal-liċenzji għall-importazzjoni jista' jasal sal-limiti li ġejjin fix-xahar:

- 1 000 tunnellata kull xahar minn Jannar sa Frar,
- 4 000 tunnellata għax-xahar ta' Marzu,
- 8 000 tunnellata għax-xahar ta' April,
- 10 000 tunnellata kull xahar minn Mejju sa Ottubru.

B'deroga mill-Artikolu 7(4) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, il-kwantitajiet li ma jintużawx f'xahar partikolari għandhom jiżdiedu ma' dawk tax-xahar ta' wara, imma mhux ma' dawk tax-xahar suċċessiv għal dan ix-xahar ta' wara.

3. Għall-fini tal-ikkalkular tal-kwantità awtorizzata għal kull xahar, meta ġimgħa tibda f'xahar wieħed u tintemm fix-xahar ta' warajh, din il-ġimgħa għandha titqies bħala parti minn dak ix-xahar li fih jaqa' l-Ħamis.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Diċembru 2006.

1. B'deroga mill-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-applikanti jistgħu jissottomettu applikazzjoni għal-liċenzja għall-importazzjoni waħda kull ġimgħa, kull nhar ta' Tnejn jew kull nhar ta' Tlieta. L-applikazzjonijiet ta' kull ġimgħa għal-liċenzji li jissottometti applikant ma jistgħux jaqbu l-limitu tal-kwantità tax-xahar stabbilit fl-Artikolu 2(2) ta' dan ir-Regolament.

2. Kull ġimgħa, fil-jum ta' xogħol l-għada ta' nhar ta' Tlieta, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-kwantitajiet li għalihom ikunu ntefgħu applikazzjonijiet għal-liċenzji. In-notifiki għandhom jinqasmu skont il-kodiċi NM.

3. Il-liċenzji għall-importazzjoni għandhom jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fir-raba' jum ta' xogħol li jsegwi t-tmiem tal-perjodu ta' notifikazzjoni previst fil-paragrafu 2.

4. B'deroga mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1345/2005, l-ammont ta' granazija għandu jkun EUR 15 għal kull 100 kg nett.

5. B'deroga mill-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, id-drittijiet li joħorġu mil-liċenzji għall-importazzjoni ma għandhomx ikunu trasferibbli.

Artikolu 4

Ir-Regolament (KE) Nru 312/2001 għandu jitħassar.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak li fih ikun ġie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni